



FLUSNA



IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€50



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu

IL-KARTA TAL-€50 TAS-SENSIELA EUROPA

Il-karta l-ġdida tal-€50 se tidħol fiċ-ċirkolazzjoni fiż-żona tal-euro kollha fl-4 ta' April 2017.

Bħall-karta tal-€20 tas-sensjela Europa, se jkun fiha xbieha ta' wiċċ Europa, figura tal-mitoloġija Griega.

L-introduzzjoni tal-karta l-ġdida tal-€50 tagħmel sehem minn sforz kontinwu biex il-karti tal-euro jkunu aktar siguri. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema¹ huma responsabbli biex iżommu l-integrità tal-karti tal-euro billi jtejbuhom il-karatteristiċi ta' sigurtà.

Karatteristika minnhom hija l-ologramma. Se jkun fiha tieqa bil-wiċċ, karatteristika ta' sigurtà li tagħti fil-ġħajn u li tidher miż-żewġ naħat tal-karta. Meta żżomm il-karta tal-flus kontra d-dawl, it-tieqa ssir trasparenti u fiha tidher ix-xbieha ta' wiċċ Europa fuq iż-żewġ naħat. Bis-saħħa ta' dan l-iżvilupp ġdid fit-teknoloġija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus, il-falsifikazzjoni ssir aktar diffiċli. Minbarra din il-karatteristika ta' sigurtà, il-karta tal-flus għandha numru aħdar żmerald, li jibdel il-kulur minn aħdar żmerald għal blu skur meta tmejjel il-karta.

Il-karta tal-€50 hija l-iżjed karta tal-flus li tintuża mid-denominazzjonijiet kollha u tgħodd aktar minn 8 biljuni jew madwar 45% tal-karti kollha tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni bħalissa.

Għal aktar tagħrif tista' tikkuntattja l-uffiċċji stampa tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema (ara paġna 11).

Detalji sħaħ fuq il-karti kollha tal-euro, fosthom xbihat u filmati, jinsabu fis-sit www.karti-godda-tal-euro.eu.



IL-KARTI TAL-EURO

L-ewwel sensiela ta' karti tal-euro daħlet fiċ-ċirkolazzjoni fl-2002. F'dawn l-aħħar snin it-teknoloġija tal-istampar u r-riproduzzjoni tax-xbihat għamlet progress kbir. Sabiex inżommu l-fiduċja fil-karti tal-euro u nibqgħu pass qabel il-falsifikaturi, jeħtieġ li l-karti tal-flus jiġu aġġornati biex isiru iżjed siguri. Għalhekk, l-Eurosistema bdiet tintroduċi f'tit f'tit it-tieni sensiela ta' karti tal-euro, magħrufa bħala s-sensiela Europa, b'karatteristiċi ta' sigurtà ġodda.

Kull denominazzjoni tas-sensiela Europa tintgħaraf mill-ewwel għax għandha kuluri iżjed jgħajtu u xbihat li iktar jolqtu l-ġajn minn dawk tal-ewwel sensiela. Il-karti l-ġodda tal-€5, €10, €20 kif ukoll dik tal-€50 li ħierġa dalwaqt fihom xbieha ta' wiċċ Europa.

Il-karti tal-euro huma simbolu tanġibbli tal-integrazzjoni Ewropea: 338 miljun ruħ f' l'19-il pajjiż issa qegħdin jużaw il-munita unika. Bis-saħħa tal-euro, tista' mhux biss tqabbel faċilment il-prezzijiet iżda wkoll tixtri u tbigħ prodotti u servizzi bejn pajjiż u ieħor. In-nies tan-negozju u t-turisti jistgħu jivvjaġġaw bla ma jkollhom bżonn isarrfu flushom għall-munita lokali.



IL-KARTI TAL-€50

IL-€50 TAS-SENSIELA EUROPA

X'HEMM ĠDID



Quddiem



Wara

B'hal fil-każ tal-ewwel sensiela, il-karti tal-euro l-ġodda għandhom l-istess disinn "żminijiet u stili" u juru l-istess kuluri predominanti, iżda sarilhom tibdil żgħir biex jilqgħu l-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda. Jistgħu wkoll jintgħarfu faċilment mill-karti tal-ewwel sensiela. Reinhold Gerstetter, disinjatur indipendenti tal-karti tal-flus minn Berlin, intgħażel biex jagħti bixra ġdida lid-disinn tal-karti tal-flus. Dan sar biex jiġu inklużi l-pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea mill-2002 'l hawn. Hekk, il-mappa tal-Ewropa issa tinkludi lil Malta u lil Ċipru, il-kelma "euro" hija miktuba bl-alfabett Ċirilliku wkoll minbarra bl-alfabett Latin u Grieg, u l-inizjali tal-Bank Ċentrali Ewropew jidhru b'għaxar varjanti lingwistiċi, minflok b'ħamsa.

IL-€50 TAL-EWWEL SENSIELA



Quddiem



Wara

> FAĊLI TIĊĊEKKJA

Huwa faċli tiċċekkja l-karti tal-flus tas-sensjela Europa bil-metodu "ĦOSS, ĦARES u MEJJEL", bħalma kien il-każ tal-ewwel sensjela.

1 ĦOSS




Kif tinħass il-karta – Ħoss il-karta tal-flus. Tinħass tqarqaċ u soda.

Stampar imqabbeż – Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u l-valur numeriku l-kbir jinħassu eħxen.

> X'hemm ġdid

Hemm sensjela ta' linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin.



2 ĦARES



Watermark – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tidher xbieha mitfija li turi l-valur tal-karta tal-flus u x-xbieha ewlenija.


> X'hemm ġdid – Watermark bil-wiċċ

Tidher ukoll xbieha ta' wiċċ Europa.



– Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma

Kontra d-dawl, it-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma ssir trasparenti u turi xbieha ta' wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta.



3 MEJJEL



Ologramma – Mejjel il-karta tal-flus. L-istrixxa lewn il-fidda fuq il-lemin turi l-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-€.

> X'hemm ġdid – Numru aħdar żmerald

Dan in-numru jleqq juri effett tad-dawl li jidher miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.



– Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma

It-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma turi xbieha ta' wiċċ Europa. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fit-tieqa jidhru wkoll linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku. Fuq in-naħa ta' wara, fit-tieqa jidhru l-valuri numeriċi bl-ilwien tal-qawsalla.



FATTI IMPORTANTI FUQ IS-SENSIELA EUROPA

- Is-sensjela Europa tinkludi karatteristiċi ta' sigurtà ġodda li joffru aktar ħarsien kontra l-falsifikazzjoni.
- Il-karti tal-flus il-ġodda qegħdin jidħlu ftit ftit matul bosta snin, mill-iżgħar denominazzjoni sal-ikbar waħda. Il-karta l-ġdida tal-€5 daħlet fiċ-ċirkolazzjoni fl-2013, l-€10 ġdida fl-2014 u l-€20 ġdida fl-2015. Il-karta l-ġdida tal-€50 se toħroġ fl-4 ta' April 2017.
- Biex jintużaw il-ħażniet li fadal, il-karti tal-€50 tal-ewwel sensjela se jibqgħu joħorġu flimkien mal-karti l-ġodda tal-€50. Id-denominazzjonijiet kollha taż-żewġ sensjeli se jkimplu jiċċirkolaw flimkien.
- Il-manifatturi tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus u fornituri oħra ta' dawn il-magni ġew involuti fl-iżvilupp tas-sensjela Europa biex ikunu jistgħu jħejju għad-dħul tal-karti tal-flus il-ġodda.
- Is-sensjela Europa mhijiex se jkollha karta tal-€500, kif intqal fi stqarrija għall-istampa li ħareġ il-BĊE fl-4 ta' Mejju 2016. Id-denominazzjonijiet l-oħra, mill-€5 sal-€200, se jżommu posthom fis-sensjela l-ġdida. Huwa maħsub li l-karti tal-€100 u l-€200 tas-sensjela Europa se jkunu fl-idejn għall-aħħar tal-2018.
- Il-valuta legali tal-ewwel sensjela ta' karti tal-euro għandha mnejn tiġi rtirata f'xi żmien imbiegħed fil-ġejjieni u wara li jsir avviż f'waqtu. Madankollu, il-karti tal-flus tal-ewwel sensjela se jibqgħu jżommu l-valur tagħhom u jkunu jistgħu jissarrfu għal żmien indefinit fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.



➤ Adattati għal persuni neqsin mid-dawl

Il-karti kollha tal-euro ġew iddisinjati b'mod li d-daqs tagħhom jikber skont il-valur tad-denominazzjoni sabiex persuni neqsin mid-dawl ikunu jistgħu jorganizzaw il-portmonijiet għall-bżonnijiet tagħhom. Persuni neqsin mid-dawl intalbu jikkooperaw fil-fażi tad-disinn tas-sensjela Europa biex setgħu jiġu inklużi karatteristiċi li jippermettulhom jużaw il-karti tal-flus b'ċerta kunfidenza. Fuq quddiem, ngħidu aħna, l-ittri huma kbar u stampati b'tipa iżjed grassa filwaqt li mat-truf hemm marki li jistgħu jinħassu. Il-kuluri predominanti tal-karti tal-ewwel sensjela nżammu għas-sensjela Europa, iżda huma iżjed jgħajtu biex id-denominazzjonijiet differenti jintgħarfu bejniethom bla tbatija.

KAMPANJA TA' TAGĦRIF FUQ IL-€50 ĠDIDA

L-għan ewlieni tal-kampanja ta' tagħrif tal-€50 ġdida huwa li l-pubbliku u l-kaxxiera jkunu infurmati tajjeb fuq il-karti l-ġodda u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom.



15 ta' Ġunju 2016: Ftuħ tal-Programm ta' Sħubija tal-€50 għall-manifatturi u fornituri oħra ta' apparat li jipproċessa l-karti tal-flus f'seminar tal-Eurosistema f'Madrid

5 ta' Lulju 2016: Ftuħ tal-kompetizzjoni onlajn "Tetris® €50 ġdida"²



5 ta' Lulju 2016: Preżentazzjoni tal-karta l-ġdida tal-€50 fil-Bank Ċentrali Ewropew, Frankfurt am Main

6 ta' Lulju 2016: Karti tal-€50 ġdida jinsilfu lil manifatturi u fornituri oħra ta' apparat tal-karti tal-flus għal testijiet fil-fabbriki tagħhom u f'postijiet oħra biex jiġi faċilitat l-aġġornament tal-magni u t-tagħmir



Marfa 2016: Il-banek ċentrali nazzjonali jibagħtu pubblikazzjonijiet fuq il-karta l-ġdida tal-€50 lill-banek kummerċjali, il-pulizija, il-kmamar tal-kummerċ, il-federazzjonijiet professjonali, eċċ. Aġġornament tal-għodod tat-taħriġ onlajn *Knowledge of Banknotes* u *Euro Cash Academy* fis-sit www.karti-godda-tal-euro.eu



Erba' ġimġat qabel ma toħroġ il-€50 ġdida: Fuljetti fuq il-karta l-ġdida tal-€50 jintbagħtu fi 3 miljun post tal-bejgħ fiż-żona tal-euro

2017: Filmati fuq il-€50 ġdida jibdwew jidhru onlajn



4 ta' April 2017: Il-karta l-ġdida tal-€50 toħroġ fl-idejn

> Xbihat tal-karti tal-euro

Ix-xbihat tal-karti tal-euro huma protetti diġitalment. L-organizzazzjonijiet li jkollhom interess kummerċjali leġittimu biex jirriproduċu xbihat tal-karti tal-euro għandhom jitolbu xbihat li ma jkunux protetti. Min ikun jixtieq juża dawn ix-xbihat għandu l-ewwel jikteb lil info@ecb.europa.eu biex jikseb u jiffirma dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità.


Tagħrif ieħor jinsab hawn: www.ecb.europa.eu/euro/banknotes/images/html/index.mt.html.

· HARSJEN TAL-KARTI TAL-EURO

> Miżuri effikaċi kontra l-falsifikazzjoni

L-Eurosistema tagħmel sforz konsiderevoli biex tiżgura li l-pubbliku u l-kaxxiera professjonali jkunu infurmati tajjeb fuq kif jagħrfu karta tal-flus falza. Hija tipprovdi wkoll listi ta' apparat li jipproċessa u jivverifika l-karti tal-flus u li jkollu ċertifikat uffiċjali li kapaċi jidentifika u jneħħi karti tal-flus foloz miċ-ċirkolazzjoni.

Għadd ta' karti tal-flus foloz li tneħħew miċ-ċirkolazzjoni bejn l-2002 u l-2015



Il-BĊE jikkoopera mill-qrib ukoll mal-Kummissjoni Ewropea (li hija responsabbli għat-tagħrif fuq il-falsifikazzjoni tal-muniti tal-euro) kif ukoll mal-korpi nazzjonali tal-pulizija, l-Europol u l-Interpol. Sura oħra importanti ta' difiża kontra l-falsifikazzjoni hija li l-pubbliku jkun mgħarraf tajjeb fuq il-karti l-ġodda.



PROGRAMM TA' SĦUBIJA

Biex jgħinu l-industrija tal-karti tal-flus tħejji għall-introduzzjoni tal-karti l-ġodda tal-€50, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema ilhom mill-4 ta' April 2016 joffru lill-manifatturi tal-apparat tal-karti tal-flus l-opportunità li jittestjaw il-karti l-ġodda tal-€50 fil-bini ewlieni tagħhom, u mis-6 ta' Lulju 2016 se joffru karti ġodda tal-€50 b'self biex it-testijiet isiru fil-fabbriki u l-postijiet tal-manifatturi stess.

Il-Programm ta' Sħubija tal-€50 feti f'seminar tal-Eurosistema li sar fil-Banco de España, Madrid, fil-15 ta' Ġunju 2016. Dan il-programm, l-istess bħal dak li sar fl-2015 fil-każ tal-€20 ġdida u li laqqa' flimkien iżjed minn 500 sieħeb industrijali mill-Ewropa kollha, għandu l-għan li jiżgura li l-apparat tal-karti tal-flus fiż-żona tal-euro kollha jiġi aġġornat fil-ħin.

Il-programm jipprovdi firxa wiesgħa ta' għodod u materjal edukattiv, il-biċċa l-kbira minnhom bil-lingwi uffiċjali tal-UE, għall-manifatturi u l-fornituri ta' apparat li jipproċessa l-karti tal-flus, kif ukoll għall-klijenti u l-utenti.

Permezz tal-Programm ta' Sħubija, il-BĊE u d-l-9-il bank ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema se:

- jikkomunikaw direttament mal-imsejbin fuq is-sensjela Europa u l-ħtieġa li jaġġornaw l-apparat li jipproċessa u jivverifika l-karti tal-flus għall-€50 ġdida;
- jorganizzaw sensjela ta' avvenimenti u attivitajiet biex jikber l-għarfien qabel il-preżentazzjoni tal-€50 ġdida;

➤ jipprovdu materjal elettroniku u stampat fuq il-karti tal-flus il-ġodda bi 23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sabiex jgħinu lill-imsejbin jikkomunikaw mal-gruppi interessati;

➤ jistiednu lill-imsejbin jiffirmaw memorandum ta' qbil li jorbothom jipprovdu assistenza f'waqtha biex il-magni li jipproċessaw il-karti tal-flus, il-magni tal-bejgħ u tal-biljetti u l-apparat ta' verifika jiġu aġġornati għall-karta l-ġdida tal-€50.

Il-manifatturi tal-apparat li jipproċessa l-karti tal-flus u fornituri oħra huma mistennija jibdew iħejju l-magni tagħhom għall-aġġornament mill-iktar fis. Min juża dan l-apparat għandu wkoll jikkuntattja lill-manifattur jew fornitur tiegħu biex jibda jħejji l-magni għall-aġġornament. Kull min ikun qiegħed jaħseb biex jixtri xi apparat li jipproċessa jew jivverifika l-karti tal-flus għandu jiċċekkja mal-fornitur tiegħu li t-tagħmir ikun jista' jiġi aġġornat biex jaċċetta l-karti tal-flus il-ġodda.

Listi tal-apparat li jipproċessa u jivverifika l-karti tal-flus li ġie ttestjat uffiċjalment mill-banek ċentrali tal-Eurosistema għall-kapaċità tiegħu li jagħraf il-karti l-ġodda tal-€5, €10 u €20 jinsabu fil-websajt tal-BĊE (www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html). Il-listi se jiġu aġġornati biex jinkludu l-karta l-ġdida tal-€50 wara li l-banek ċentrali tal-Eurosistema jagħmlu iktar testijiet fuq l-apparat. Il-listi aġġornati se jiġu pubblikati fil-websajt tal-BĊE din is-sena u fl-2017.



DATI IMPORTANTI TAL-€50 ĠDIDA

2016



Stqarrija
għall-istampa

Fil-Banco de España, Madrid,
isir seminar tal-Eurosistema
għall-manifatturi u l-fornituri
ta' apparat li jipproċessa l-karti
tal-flus

15

ta' Ġunju




Stqarrija
għall-istampa


Il-€50 ġdida preżentata
uffiċjalment fil-BĊE,
Frankfurt am Main

5

ta' Lulju



Karti ġodda tal-€50 jinsilfu
lill-manifatturi u l-fornituri ta'
apparat li jipproċessa l-karti
tal-flus biex ikunu jistgħu jaġġornaw
il-magni u t-tagħmir ta' verifika



2017



Stqarrija
għall-istampa

Fuljetti fuq il-€50 ġdida
jintbagħtu fi 3 miljun post
tal-bejgħ fiż-żona tal-euro



Marzu




Stqarrija
għall-istampa



Il-€50 ġdida toħroġ
fiż-żona tal-euro kollha

Rebbiegħa



UFFIĊĊJI STAMPA TAL-EUROSISTEMA



EUROPEAN CENTRAL BANK
EUROSISTEMA

European Central Bank
Directorate General Communications
Sonnemannstraße 20
60314 Frankfurt am Main
Germany
Tel.: +49 69 1344 7455
Fax: +49 69 1344 7401
Email: info@ecb.europa.eu
www.new-euro-banknotes.eu
www.euro.ecb.europa.eu



ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΕΛΛΑΔΟΣ
ΕΥΡΩΣΥΣΤΗΜΑ

Υπηρεσία Τύπου
Ελ. Βενιζέλου 21
102 50 Αθήνα
Ελλάδα
Τηλ: +30 210 320 3447
Φαξ: +30 210 320 3922
E-mail: press@bankofgreece.gr
Internet: www.bankofgreece.gr



LATVIJAS BANKA
EIROSISTĒMA

Jānis Silkalns
Preses sekretārs
K. Valdemara ielā 2A, Rīgā
LV-1050
Tel.: +371 6702 23594
E-pasts: presdienests@bank.lv
Interneta vietne: www.bank.lv



ÖNB
OESTERREICHISCHE NATIONALBANK
EUROSISTEMA

Christian Gutteder
Pressesprecher
Otto-Wagner-Platz 3
1090 Wien
Österreich
Tel.: +43 1 404 20 6900
Fax: +43 1 403 17 44
E-Mail: christian.gutteder@oenb.at
Internet: www.oenb.at



Banque Nationale Bank
DE BELGIË
EUROSISTEMA

Kristin Bosman
Porte-parole / Woordvoester
Bld de Berlaimont 14
1000 Bruxelles / Brussel
Belgique / België
Tél / Tel.: +32 2 221 46 28
Télécopie / Fax: +32 2 221 31 60
Courriel / E-mail: pressoffice@nbb.be
Internet: www.nbb.be



BANCO DE ESPAÑA
Eurosistema

Ricardo Fernández
Jefe de la División de Relaciones con los Medios
y Documentación
Alcalá, 48
E-28014 Madrid
España
Tel.: +34 91 338 5044
Fax: +34 91 338 5203
Correo electrónico: comunicacion@bde.es
Internet: www.bde.es



LIETUVOS BANKAS
EUROSISTĖMA

Public Relations Division
Gedimino pr. 6
01 103 Vilnius
Lithuania
Tel.: +370 5 268 0072
E-mail: media@lb.lt
Internet: www.lb.lt



BANCO DE PORTUGAL
EUROSISTEMA

Direção de Comunicação
Rua do Comércio, 148
1100-150 Lisboa
Portugal
Tel.: +351 213 215 358
Correio eletrónico: info@bportugal.pt
Internet: www.bportugal.pt



**DEUTSCHE
BUNDESBANK**
EUROSISTEMA

Zentralbereich Kommunikation
Pressestelle
Wilhelm-Epstein-Straße 14
60431 Frankfurt am Main
Deutschland
Tel.: +49 69 9566 3511
Fax: +49 69 9566 3077
E-Mail: presse@bundesbank.de
Internet: www.bundesbank.de



BANQUE DE FRANCE
EUROSISTÈME

Olivier Aubry
Chef du service de la Communication
externe et digitale
007-1049
9, rue du Colonel Driant
75049 Paris CEDEX 01
France
Tel.: +33 1 42 92 39 00
Télécopie: +33 1 42 92 39 41
Courriel: service.de.presse@banque-france.fr
Internet: www.banque-france.fr



BANQUE CENTRALE DU LUXEMBOURG
EUROSISTEMA

Marc Konsbruck
Communication Officer
2, boulevard Royal
L-2983 Luxembourg
Tél.: +352 4774 4265
Télécopie: +352 4774 4910
Courriel: info@bcl.lu
Internet: www.bcl.lu



**BANKA
SLOVENIJE**
BANK OF SLOVENIA
EUROSISTEMA

Odnosi z javnostmi
Slovenska 35
1505 Ljubljana
Slovenija
Tel.: +386 1 47 19 153, +386 1 47 19 777
Faks: +386 1 47 19 724
E-pošta: pr@bsi.si
Internet: www.bsi.si



EUROSISTEM

Avalike suhete allosakond
Estonia pst 13
15095 Tallinn
Eesti
Tel.: +372 668 0965, +372 668 0745
Faks: +372 668 0954
E-post: press@eestipank.ee
www.eestipank.ee



BANCA D'ITALIA
EUROSISTEMA

Antonella Dragotto
Capo Divisione Stampa e Relazioni esterne
Via Nazionale 91
00184 Roma
Italia
Tel.: +39 06 4792 5566
Fax: +39 06 4792 2253
E-mail: stampabi@bancaditalia.it
Sito Internet: www.bancaditalia.it



BANK ĊENTRALI TA' MALTA
CENTRAL BANK OF MALTA

Clive Bartolo
Uffiċjal Ewlieni għall-Komunikazzjoni
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta
Tel.: +356 2550 3104 / 5
Fax: +356 2550 4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Internet: www.centralbankmalta.org



NÁRODNÁ BANKA SLOVENSKA
EUROSISTEMA

Tlačové a edičné oddelenie
Imricha Karvaša 1
813 25 Bratislava
Slovenská republika
Tel.: +421 2 5787 2147
Fax: +421 2 5787 1128
E-mail: info@nbs.sk
Internet: www.nbs.sk



Banc Ceannais na hÉireann
Central Bank of Ireland
Eurosistem

Press office
PO Box 559
Dame Street
Dublin 2
Ireland
Tel.: +353 1 224 6299
E-mail: press@centralbank.ie
Internet: www.centralbank.ie



ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΚΥΠΡΟΥ
ΕΥΡΩΣΥΣΤΗΜΑ

Γραφείο Τύπου
Κεντρική Τράπεζα της Κύπρου
Λεωφόρος Κένεντυ 80
1076 Λευκωσία
Κύπρος
Τηλ: +357 22714465, +357 22714503
Φαξ: +357 22378151
E-mail: pressoffice@centralbank.gov.cy
Internet: www.centralbank.gov.cy



De Nederlandsche Bank
EUROSISTEMA

Herman Lutke Schipholt
Persvoorlichter
Westeinde 1
1017 ZN Amsterdam
Nederland
Tel.: +31 20 524 2712
Mobiel: +31 6 5249 6900
E-mail: h.j.lutke.schipholt@dnb.nl
Internet: www.dnb.nl



SIUOMEN PANKKI
FINLANDS BANK

Richard Brander
Vanhempi tiedottaja / Senior informator
Snellmaninkatu / Snellmansplatsen
PL 160 / PB 160
00101 Helsinki / Helsingfors
Suomi / Finland
Puhelin / Telefon: +358 10 831 2206
Sähköposti / Kontakt: richard.brander@bof.fi
Internet: www.suomenpankki.fi /
www.finlandsbank.fi



ЕВРОПЕЙСКА ЦЕНТРАЛНА БАНКА	BANQUE CENTRALE EUROPÉENNE	EUROPESE CENTRALE BANK
BANCO CENTRAL EUROPEO	AN BANC CEANNAIS EORPACH	EUROPEJSKI BANK CENTRALNY
EVROPSKÁ CENTRÁLNÍ BANKA	EUROPSKA SREDIŠNJA BANKA	BANCO CENTRAL EUROPEU
DEN EUROPÆISKE CENTRALBANK	BANCA CENTRALE EUROPEA	BANCA CENTRALĂ EUROPEANĂ
EUROPÄISCHE ZENTRALBANK	EIROPAS CENTRĀLĀ BANKA	EURÓPSKA CENTRÁLNA BANKA
EUROOPA KESKRAHK	EUROPOS CENTRINIS BANKAS	EVROPSKA CENTRALNA BANKA
ΕΥΡΩΠΑΪΚΗ ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ	EURÓPAI KÖZPONTI BANK	EUROOPAN KESKUSPANKKI
EUROPEAN CENTRAL BANK	BANK ĊENTRALI EWROPEW	EUROPEISKA CENTRALBANKEN

EUROSYSTEM